MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 246/2005

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Joseph u Concetta mizzewgin Degiorgio**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, erba' mija u erbgha u tletin Lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (LM2,434.83,0), bilanc ghad-debitu fil-'Loan Accounts' ta' Joseph u Concetta mizzewgin Degiorgio ma' l-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "A1" sa Dok. "B3")flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 ta' April tas-sena 2005 sal-jum tal-pagament effettiv, liema "Loan**

**Accounts" gew moghtija lill-konvenuti Degiorgio permezz ta' kuntratt datat it-tlettax (13) ta' Novembru tas-sena 1997 in atti ta' n-Nutar Dottor Marco Burlo' (Dok. "C");**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata l-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena 2005 (Dok. "D") u tal-Mandat ta' Sekwestru u Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti Degiorgio li huma minn issa ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti Degiorgio jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti Degiorgio naqsu u ma dehrux, la fit-13 ta' Lulju tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti Degiorgio.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------